**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15/2022

**L-Erbgħa 14 ta' Diċembru, 2022**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:10 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku

Désirée Vella Brincat – Kunsillier

Charles Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

Kien hemm il-preżenza tal-pubbliku.

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

15.1.1. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija.

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 13/K8/2022.

15.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 13/K8/2022 kif ippreżentati.

15.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

15.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/5794/22/I** Fattura mingħand AID dwar is-servizz u l-provvista ta' Maintenance Agreement għal Online Streaming.

15.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5794/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill iħallas jekk hemm xi bilanċ dovut filwaqt li jittermina s-servizzi relattiva peress li dawn illum m'għadx hemm il-bżonn tagħhom, fid-dawl l-issa qed jintuża apparat differenti u aktar modern.

15.3.2 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

15.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5873/22/I** Ilment mingħand il-Pembroke Euroasket dwar id-dawl u l-istat tal-poles tal-ħadid fil-multi purpose court ta' Ġnien 4 ta' Lulju.

15.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5873/22/I** fejn informa lil-Kunsill li anke qabel daħal l-ilment, il-Kunsill kien ikkomunika mal-kuntrattur tad-dawl sabiex isolvi kwalunkwe ħsarat l'irriżultaw, iżda ġara pero li x-xogħlijiet rikjesti waqgħu ftit lura minħabba raġunijiet li jafhom kulħadd, b'rabta ma mewta traġika tal-ħaddiem prinċipalment inkarigat minn tali xogħlijiet. Dwar il-poles, il-kelliem ippropona li l-Kunsill jirratifika l-passi li ttieħdu diġa sabiex jiġi aċċertat li t-tiswijiet isiru malajr kemm jista` jkun, u f'każ li mhux possibbli li jsiru tali tiswijiet, ippropona jinbidel l-apparat li hemm bżonn.

15.3.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

15.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5878/22/I** Kommunikazzjoni u rakkomandazzjoni mingħand il-Perit tal-Kunsill wara l-kollass ta' retaining wall tal-culvert tal-ilma tax-xita li hemm bejn Ġnien 4 ta' Lulju u Triq Falaise.

15.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5878/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova x-xogħlijiet li saru b'emerġenza, hekk kif maqbul f'emails riċevuti mill-Kunsilliera membri.

15.3.8 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

15.3.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5946/22/I** Email mingħand il-Verdala International School jitolbu li jsiru aktar tabelli u speed bumps fi Triq Cassino.

15.3.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5946/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill l-ewwel u qabel kollox jesiġi mal-Verdala International School li jsir it-tlestija tax-xogħlijiet fil-wiċċ tat-Triq Cassino, kantuniera ma' Triq Burma. Il-kelliem irrimarka li diġa kellu l-opportunita' jesprimi mal-amministrazzjoni tal-iskola li jekk huwa minnu li għandhom għal qalbhom is-sigurtà ta' min juża t-triq għandhom jaraw ukoll li t-tarmac li ħallew nieqes f'din il-kantuniera, isir immedjatament peress li s-sewwieqa llum spiss qeghdin iduru l-istess kantuniera fuq in-naħa l-ħażina tat-triq minħabba l-wiċċ ħażin li ħallew l-istess xogħlijiet. Fir-rigward tat-talba nnifisha il-Kunsill qiegħed jistenna r-rispons minn TM dwar suġġeriment għat-tnaqqis tal-ispeed f'liema eventwalita jsiru l-marki u tabelli neċessarji. Dwar l-ispeed bumps, il-kelliem fakkar li l-Kunsill diġa iddeċieda fl-aħħar laqgħa, u għalhekk l-iskola għandhom ikunu nfurmata b'dan..

15.3.11 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

15.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5969/22/I** Email mingħand ir-Reġjun Lvant dwar proġetti b'kollaborazzjoni mal-K.L fi Ħdan IL-K.R.L. għas-sena 2022.

15.3.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5969/22/I** fejn talab il-kummenti tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab.

15.3.14 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li hemm fondi disponibbli biex isiru diversi inizjattivi u hemm possibilità' li l-fondi li ma ġewx użata mill-Kunsill, jintużaw is-sena li ġejja minn naħa tar-Reġjun bħala parti mill-attivitajiet tar-Reġjun Sportiv.

**46/5981/22/I** Email mingħand ir-Reġjun Tramuntana dwar l-estensjoni tal-kuntratt tal-provvista, żamma u manutenzjoni tad-dwal tat-toroq.

15.3.15 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5981/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jara li jsegwi s-suġġett mar-Regjun Tramuntana li preċedentement il-Kunsill kien jifforma parti minnu peress li l-istess Reġjun talab estensjoni tal-istess tender, kif ukoll li l-Viċi Sindku Omar Arab isegwi l-każ mar-Reġjun Lvant biex jaraw jekk huwiex ser jinħareġ tender bħala Reġjun.

15.3.16 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

15.3.17 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5987/22/I** Email mingħand id-DGL dwar il-websites tal-Kunsilli Lokali kif ukoll is-sit mylocality fejn qed tiġi aġġornata u modernizzata.

15.3.18 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5987/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din il-proposta.

15.3.19 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

15.3.20 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6082/22/I** Stima mingħand il-PAL għall-provvista u l-installazzjoni ta' PABX.

15.3.21 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6082/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiġbor aktar stimi biex jiġu diskussa aktar il-quddiem.

15.3.22 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

15.3.23 Il-Kunsill qabel unanimament.

15.3.24 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-jiem li għaddew kien rċieva kommunikat mingħand ir-Reġjun Lvant biex jiġi ppublikat u mqassam fid-djar kollha tal-lokal, kalendarju tas-sena 2023, li fuqu juri skeda kull xahar ta' kif u meta ser jibda jinġabar l-iskart. Il-kelliem informa lill-Kunsill li r-Reġjun huwa dispost li jiffinanzja sa €1,000 mill-ispiża l'issir.

15.3.25 Is-Sindku Dean Hili ippropona li tali spiża tiġi approvata peress li huwa essenzjali li r-residenti jkunu konxji tat-tibdil fl-iskeda.

15.3.26 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

15.3.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

15.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 15.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

15.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 18/2022** – Kwotazzjonijiet għal LED panels **(Ara Dok. 1)**
- **Internal Memo 19/2022** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 13/K8/22 u 15/K8/22 **(Ara Dok. 2)**

15.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 18/2022** fejn ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

15.5.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

15.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

15.5.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 19/2022** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

15.5.6 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

15.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15.6 Performance report tal-impjegati għas-sena 2022.

15.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg għamel referenza għar-rapporti kkompilata u preżentata lis-Sindku dwar il-performance tal-impjegati Alison Grixti u Dorianne Wells.

15.6.2 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg kien qed jirrakkomanda li dawn jingħataw il-full performance bonus jiġifieri 6%. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

15.6.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

15.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

15.7.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 3, 4 u 5)**

15.7.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat.

15.7.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

15.7.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15.8 Mozzjonijiet.

15.8.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 15.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

15.9.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fis-5:55pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar 2023 fil-5:00pm.

**Konfermati, illum 26 ta' Jannar, 2023**

**IFFIRMAT**

Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 18/2022** **25 ta' Novembru 2022**

# Rapport għall-Quote – LED panels

| Dettalji tal-kumpanija | 22cm | 24cm | 30 cm | 10cm |
|---|---|---|---|---|
| **AJ Electric**<br>Triq it-3 ta' Settembru 1798<br>Żona 3 Central Business Centre<br>B'Kara, CBD 30100<br>Tel : 2149 4594, Mob: 7901 3878<br>Email: info@ajelectric.com.mt | 240.01 | | 350.01 | 32.00 |
| **ESS**<br>ESS Building<br>Triq San Ġwakkin<br>Żona 4 Central Business Centre<br>B'Kara, CBD 4030<br>Tel: 2125 5777 | 303.87 | | 504.66 | 21.95 |
| **MF Electrix**<br>245<br>Triq S. Psaila<br>B'Kara, BKR 9078.<br>Tel: 2149 4957<br>Email: info@mfelectrix.com.mt | 195.12 | 400.16 | 400.16 | 11.99 |
| **AB Wholesalers and Traders**<br>Henna<br>Triq Bertu Hyzler<br>Qormi, QRM 2151.<br>Tel: 2740 5429<br>Email: info@ab-wholesalers.com | 189.74 | | 321.15 | |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 19/2022** **14 ta' Diċembru 2022**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 13/K8/22 u 15/K8/22

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 154 | 2022 | Mica Med | Jiġu rranġata l-belishia beacons mitfija fil-bidu ta' triq li mit-traffic lights tmur għall-lukandi |
| 155 | 2022 | Mica Med | Tiġi rranġata l-bozza W122 Triq San Patrizju |
| 156 | 2022 | Mica Med | Tiġi rranġata l-bozza W040 Triq Il-Mediterran |
| 157 | 2022 | Mica Med | Tiġi rranġata l-bozza R002 Triq Pietru D'Armenia |
| 158 | 2022 | AB Wholesalers & Traders | Tissupplixxi LED Panel Round 24W 4000k u Dichoric led GU10 9W 4000k għall-prezz ta' €334.32 bil-VAT inkluż |
| 159 | 2022 | Mica Med | Jiġi rranġat arblu mxengel Y124 fi Triq il-Mediterran li jiġi t-tieni arblu kif taqbeż is-sub station |
| 160 | 2022 | Mica Med | Tiġi rranġata lampa W103 fi Triq Juno li tiġi l-ewwel lampa |
| 161 | 2022 | Mica Med | Tiġi rranġata lampa W100 fi Triq Juno li tiġi t-tieni lampa |
| 162 | 2022 | B. Grima and Sons | Issir kaxxa safra quddiem il-garaxx ta' Dar 37 fi Triq Patri Indri Vella |
| 163 | 2022 | MCCF | Tissupplixxi 15 il-ponsietta mill-kbar għall-prezz ta' €4.50 il-waħda kif ukoll €10 għad-delivery tagħhom |
| 164 | 2022 | M Quip Ltd | Tissupplixxi il-materjal u x-xogħol li hemm indikat fl-istima tiegħek li jammonta' għal €2,497.55, kif ukoll tissupplixxi safety material għall-prezz ta' €53.10 / m2 (skond il-ħtieġa) |
| 165 | 2022 | Mica Med | Sabiex tiġi rranġata lampa W066 fi Triq Fra Guiseppe Zammit ma hse 28. |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

Sindku : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
Kunsilliera : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg